(a) meta dak ir-riskju jkun limitat għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-komponent;

(b) fejn neċessarju, b'mod partikolari sabiex jiġu limitati tali konsegwenzi negattivi, huma previsti salvagwardji effettivi u proporzjonati addizzjonali għal dawk elenkati fl-Artikolu 10(4), (5) u (6);

(c) soġġett għall-paragrafu 9, il-perjodu ta' applikazzjoni jibqa' limitat għal dak li huwa strettament neċessarju.

Or. en

Emenda 1017
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva indipendenti kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom ***jimmiraw u jispeċifikaw*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu ***4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b),*** jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti msemmi fil-punt (a) tiegħu.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva indipendenti kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom***, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament 2022/2065, jimmirawha u jispeċifikawha*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu ***2*** jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju***, ġustifikabbli u proporzjonat*** sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti msemmi fil-punt (a) tiegħu***, u jillimitaw l-ordni ta' detezzjoni għal parti identifikabbli minn servizz jew***

	komponent identifikabbli ta' servizz, bħal pereżempju kanal speċifiku ta' komunikazzjoni jew grupp speċifiku ta' utenti identifikat b'partikolarità li għalih ikun ġie identifikat ir-riskju sinifikanti. F'konformità mal-Artikolu 6a, l-ebda ordni ta' detezzjoni bħal din ma għandha tiġi interpretata bħala li tipprojbixxi, jew tikkomprommetti l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' kontenut u komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordnijiet ta' detezzjoni jridu jkunu ġustifikati, proporzjonati, immirati u limitati fiż-żmien, kif ukoll relatati ma' parti identifikabbli mis-servizz, mill-utenti jew mill-grupp ta' utenti speċifiċi, sabiex jiġi limitat l-indħil fuq id-drittijiet fundamentali bħad-dritt għall-privatezza.

Emenda 1018
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst, Sara Skyttedal, Jessica Polfjärd, Tomas Tobé, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja ***jew amministrattiva indipendenti*** kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom ***jimmiraw u jispeċifikaw b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat*** b'mod effettiv ***ir-riskju sinifikanti msemmi fil-punt (a) tiegħu***.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni ***mmirata***, għandhom ***jimmirawha u jispeċifikawha*** b'mod effettiv ***u proporzjonat fir-rigward tal-istandards applikabbli tal-liġi kriminali***.

Or. en

Emenda 1019
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja ***jew*** amministrattiva indipendenti kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom ***jimmiraw u jispeċifikaw*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ***ir-riskju sinifikanti*** msemmi fil-punt (a) tiegħu.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja ***kompetenti jew l-awtorità*** amministrattiva indipendenti kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom ***f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jimmirawha u jispeċifikawha*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju***, ġustifikabbli u proporzjonat*** sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ***is-suspett raġonevoli*** msemmi fil-punt (a) tiegħu.

Or. en

Emenda 1020
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob ***il-ħruġ*** ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja ***jew amministrattiva indipendenti*** kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom ***jimmiraw u jispeċifikaw*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi ***msemmijin*** fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jibqgħu limitati għal dak li ***jkun*** strettament neċessarju ***sabiex jiġi indirizzat*** b'mod	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob ***il-validazzjoni ġudizzjarja u l-ħruġ*** ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom ***jimmirawha u jispeċifikawha*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi ***msemmija*** fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jibqgħu limitati għal dak li ***huwa*** strettament neċessarju ***u proporzjonat biex tinkiseb l-***

effettiv ***ir-riskju sinifikanti msemmi fil-punt (a) tiegħu***.	***informazzjoni meħtieġa biex il-każ jiġi investigat*** b'mod effettiv***, u tinġabar l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata l-eżistenza ta' reat kriminali***.

Or. en

Emenda 1021
Charlie Weimers, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u ***l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva indipendenti kompetenti*** meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom ***jimmiraw u jispeċifikaw*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti msemmi fil-punt (a) tiegħu.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u ***l-qorti*** meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom ***jimmirawha u jispeċifikawha*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti msemmi fil-punt (a) tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiċċara li qorti ta' Stat Membru toħroġ l-ordni ta' detezzjoni.

Emenda 1022
Tiemo Wölken, René Repasi
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ***ordnijiet*** ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja ***jew amministrattiva indipendenti*** kompetenti meta toħroġ ***l-ordni*** ta' detezzjoni, għandhom ***jimmiraw u jispeċifikaw*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ***ir-riskju sinifikanti*** msemmi fil-punt (a) tiegħu.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ***mandat*** ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti meta toħroġ ***il-mandat*** ta' detezzjoni, għandhom ***jimmirawh u jispeċifikawh*** b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ***is-suspett raġonevoli*** msemmi fil-punt (a) tiegħu.

Or. en

Emenda 1023
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak l-għan, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha, ***inkluża d-disponibbiltà ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-adegwatezza u l-effettività tagħhom sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati, u jirrikjedu t-teħid tal-miżuri l-anqas intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri ugwalment effettivi.***	Għal dak l-għan, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha,***inkluż:***
	(i) id-disponibbiltà ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jistgħu jintużaw mingħajr ma tiġi kompromessa s-sigurtà tas-servizz inkwistjoni u jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-

identifikazzjoni;

(ii) l-idoneità u l-effettività tat-teknoloġiji disponibbli sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament;

(iii) l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati, biex b'hekk jiġi żgurat li l-ordnijiet ta' detezzjoni jintalbu u jinħarġu biss meta jkunu disponibbli teknoloġiji affidabbli biżżejjed f'konformità mal-punt (i) u li jintgħażlu l-inqas miżuri intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri ugwalment effettivi.

Or. en

Emenda 1024
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak l-għan, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha, ***inkluża d-disponibbiltà*** ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni u ***l-adegwatezza*** u l-effettività tagħhom sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati, u jirrikjedu t-teħid tal-miżuri l-anqas intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri ugwalment effettivi.	Għal dak l-għan, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha, ***inkluż il-fattibbiltà teknika, id-disponibbiltà*** ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni u ***l-idoneità*** u l-effettività tagħhom sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, ***b'mod partikolari r-riskju li jidentifikaw b'mod żbaljat id-diskors leċitu bħala kontenut illegali,*** kif ukoll l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati ***u fuq is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tagħhom***, u jirrikjedu t-teħid tal-miżuri l-anqas intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri ugwalment effettivi. ***Għal dan l-għan, huma għandhom jiżguraw li t-teknoloġiji jkunu kapaċi jiddistingwu bejn il-materjal magħruf ta' abbuż tat-tfal u d-diskors leċitu b'mod preċiż biżżejjed li ma jkun***

meħtieġ l-ebda intervent mill-bniedem.

Or. en

Emenda 1025
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak l-għan, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha, ***inkluża d-disponibbiltà ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-adegwatezza u l-effettività tagħhom sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati, u jirrikjedu t-teħid tal-miżuri l-anqas intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri ugwalment effettivi.***	Għal dak l-għan, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha,***inkluż:***
	(i) id-disponibbiltà ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jistgħu jintużaw mingħajr ma tiġi kompromessa s-sigurtà tas-servizz inkwistjoni u jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni;
	(ii) l-idoneità u l-effettività tat-teknoloġiji disponibbli sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament;
	(iii) l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati, biex b'hekk jiġi żgurat li l-ordnijiet ta' detezzjoni jintalbu u jinħarġu biss meta jkunu disponibbli teknoloġiji affidabbli biżżejjed f'konformità mal-punt (i) u li jintgħażlu l-miżuri l-inqas intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri

ugwalment effettivi.

Or. en

Emenda 1026
Tiemo Wölken, René Repasi
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak l-għan, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha, ***inkluża d-disponibbiltà*** ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni u ***l-adegwatezza*** u l-effettività tagħhom sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati, u jirrikjedu t-teħid tal-miżuri l-anqas intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri ugwalment effettivi.	Għal dak l-għan, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha, ***inkluż il-fattibbiltà teknika, id-disponibbiltà*** ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni u ***l-idoneità*** u l-effettività tagħhom sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, ***inkluż kemm tkun kbira l-possibbiltà li jidentifikaw b'mod żbaljat id-diskors leċitu bħala kontenut illegali,*** kif ukoll l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati ***u fuq is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tagħhom***, u jirrikjedu t-teħid tal-miżuri l-anqas intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri ugwalment effettivi.

Or. en

Emenda 1027
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak ***l-għan***, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha, inkluża d-disponibbiltà ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni u ***l-adegwatezza*** u l-effettività tagħhom sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati, u jirrikjedu t-teħid tal-miżuri l-anqas intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri ugwalment effettivi.	Għal dak ***l-iskop***, huma għandhom iqisu l-parametri rilevanti kollha, inkluża d-disponibbiltà ta' teknoloġiji ta' detezzjoni affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tal-identifikazzjoni u ***l-idoneità*** u l-effettività tagħhom sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, ***inkluż il-possibbiltà li huma jidentifikaw b'mod żbaljat id-diskors leċitu bħala kontenut illegali,*** kif ukoll l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-utenti affettwati, u jirrikjedu t-teħid tal-miżuri l-anqas intrużivi, f'konformità mal-Artikolu 10, minn fost diversi miżuri ugwalment effettivi. ***Il-metodi użati biex jiġi identifikat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu jistgħu jiddistingwu bejn kontenut legali u illegali mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe valutazzjoni indipendenti mill-bniedem.***

Or. en

Emenda 1028
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'mod partikolari, għandhom jiżguraw li:	***imħassar***
(a) meta dak ir-riskju jkun limitat għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-komponent;	
(b) fejn neċessarju, b'mod partikolari sabiex jiġu limitati tali konsegwenzi negattivi, huma previsti salvagwardji effettivi u proporzjonati addizzjonali għal dawk elenkati fl-Artikolu 10(4), (5) u (6);	

(c) soġġett għall-paragrafu 9, il-perjodu ta' applikazzjoni jibqa' limitat għal dak li huwa strettament neċessarju.

Or. en

Emenda 1029
Tiemo Wölken, René Repasi
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'mod partikolari, għandhom jiżguraw li:	***imħassar***
(a) meta dak ir-riskju jkun limitat għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-komponent;	
(b) fejn neċessarju, b'mod partikolari sabiex jiġu limitati tali konsegwenzi negattivi, huma previsti salvagwardji effettivi u proporzjonati addizzjonali għal dawk elenkati fl-Artikolu 10(4), (5) u (6);	
(c) soġġett għall-paragrafu 9, il-perjodu ta' applikazzjoni jibqa' limitat għal dak li huwa strettament neċessarju.	

Or. en

Emenda 1030
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) meta dak ir-riskju jkun limitat għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-komponent;	(a) meta ***l-informazzjoni miġbura fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju tindika li*** dak ir-riskju jkun limitat għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz ***fejn possibbli mingħajr preġudizzju għall-effettività tal-miżura***, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-komponent;

Or. en

Emenda 1031
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta ***dak ir-riskju*** jkun limitat għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-komponent;	(a) meta ***l-informazzjoni miġbura fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju tindika li r-riskju*** jkun limitat għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz***, fejn possibbli mingħajr preġudizzju għall-effettività tal-miżura***, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-komponent;

Or. en

Emenda 1032
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta ***dak ir-riskju jkun*** limitat għal parti jew komponent ***identifikabbli*** ta' servizz, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-	(a) meta ***s-suspett ikun*** limitat għal parti jew komponent ***diskret*** ta' servizz, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ***tal-uploads u l-komunikazzjonijiet***

komponent;	***tas-suspettati permezz*** ta' dik il-parti jew dak il-komponent;

Or. en

Emenda 1033
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn neċessarju, b'mod partikolari sabiex jiġu limitati tali konsegwenzi negattivi, huma previsti salvagwardji effettivi u proporzjonati addizzjonali għal dawk elenkati fl-Artikolu 10(4)***, (5) u (6)***;	(b) fejn neċessarju, b'mod partikolari sabiex jiġu limitati tali konsegwenzi negattivi, huma previsti salvagwardji effettivi u proporzjonati addizzjonali għal dawk elenkati fl-Artikolu 10(4) ***u (5)***;

Or. en

Emenda 1034
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha tispeċifika fl-ordni ta' detezzjoni l-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem.	***imħassar***
Id-data tal-bidu għandha tiġi stabbilita filwaqt li jitqies iż-żmien raġonevolment meħtieġ għall-fornitur sabiex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex iħejji l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' detezzjoni. Ma għandhiex tkun aktar kmieni minn tliet xhur mid-data li fiha l-fornitur ikun irċieva l-ordni ta' detezzjoni u mhux aktar	

tard minn 12-il xahar minn dik id-data.

Il-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal ma għandux jaqbeż l-24 xahar u dak tal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-sollečitazzjoni tat-tfal ma għandux jaqbeż it-12-il xahar.

Or. en

Emenda 1035
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha tispeċifika fl-ordni ta' detezzjoni l-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem**.**	L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha tispeċifika fl-ordni ta' detezzjoni l-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem**,** ***li fih il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jagħtu prova li s-servizz tagħhom m'għadux jintuża ħażin għall-abbuż sesswali tat-tfal u li s-servizz speċifiku provdut tagħhom m'għadux jirrappreżenta riskju ta' abbuż sesswali tat-tfal;***

Or. en

Emenda 1036
Charlie Weimers, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-	***Il-qorti*** għandha tispeċifika fl-ordni ta'

awtorità amministrattiva indipendenti għandha tispeċifika fl-ordni ta' detezzjoni l-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem.	detezzjoni l-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiċċara li hija biss qorti ta' Stat Membru li tista' toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni.

Emenda 1037
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha tispeċifika fl-ordni ta' detezzjoni l-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem.	L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha tispeċifika fl-ordni ta' detezzjoni ***mmirata*** l-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem.

Or. en

Emenda 1038
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha tispeċifika fl-ordni ta' detezzjoni l-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem.	L-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha tispeċifika fl-ordni ta' detezzjoni l-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem.

Or. en

Emenda 1039
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-data tal-bidu għandha tiġi stabbilita filwaqt li jitqies iż-żmien raġonevolment meħtieġ għall-fornitur sabiex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex iħejji l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' detezzjoni. ***Ma għandhiex tkun aktar kmieni minn tliet xhur mid-data li fiha l-fornitur ikun irċieva l-ordni ta' detezzjoni u mhux aktar tard minn 12-il xahar minn dik id-data.***	Id-data tal-bidu għandha tiġi stabbilita filwaqt li jitqies iż-żmien raġonevolment meħtieġ għall-fornitur sabiex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex iħejji l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' detezzjoni.

Or. en

Emenda 1040
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-data tal-bidu għandha tiġi stabbilita filwaqt li jitqies iż-żmien raġonevolment meħtieġ għall-fornitur sabiex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex iħejji l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' detezzjoni. Ma għandhiex tkun aktar kmieni minn tliet xhur mid-data li fiha l-fornitur ikun irċieva l-ordni ta' detezzjoni u mhux aktar tard minn 12-il xahar minn dik id-data.	Id-data tal-bidu għandha tiġi stabbilita filwaqt li jitqies iż-żmien raġonevolment meħtieġ għall-fornitur sabiex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex iħejji l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' detezzjoni ***mmirata***. Ma għandhiex tkun aktar kmieni minn tliet xhur mid-data li fiha l-fornitur ikun irċieva l-ordni ta' detezzjoni ***mmirata*** u mhux aktar tard minn 12-il xahar minn dik id-data.

Or. en

Emenda 1041

Tiemo Wölken, René Repasi
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-data tal-bidu għandha tiġi stabbilita filwaqt li jitqies iż-żmien raġonevolment meħtieġ għall-fornitur sabiex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex iħejji l-eżekuzzjoni ***tal-ordni*** ta' detezzjoni. Ma għandhiex tkun aktar kmieni minn tliet xhur mid-data li fiha l-fornitur ikun irċieva l-ordni ta' detezzjoni u mhux aktar tard minn 12-il xahar minn dik id-data.	Id-data tal-bidu għandha tiġi stabbilita filwaqt li jitqies iż-żmien raġonevolment meħtieġ għall-fornitur sabiex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex iħejji l-eżekuzzjoni ***tal-mandat*** ta' detezzjoni. Ma għandhiex tkun aktar kmieni minn tliet xhur mid-data li fiha l-fornitur ikun irċieva l-ordni ta' detezzjoni u mhux aktar tard minn 12-il xahar minn dik id-data.

Or. en

Emenda 1042
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni ***dwar id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal ma għandux jaqbeż l-24 xahar u dak tal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-sollečitazzjoni tat-tfal ma għandux jaqbeż it-12-il xahar***.	Il-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni ***għandu jkun proporzjonat, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha***.

Or. en

Emenda 1043
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-perjodu ta' applikazzjoni ***tal-ordnijiet*** ta' detezzjoni dwar id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***jew ġdid*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ma għandux jaqbeż ***l-24 xahar u dak tal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-sollečitazzjoni tat-tfal ma għandux jaqbeż it-12-il xahar***.	Il-perjodu ta' applikazzjoni ***tal-mandati*** ta' detezzjoni dwar id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur***.

Or. en

Emenda 1044
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal ma għandux jaqbeż l-24 ***xahar u dak tal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-sollečitazzjoni tat-tfal ma għandux jaqbeż it-12-il*** xahar.	Il-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni ***mmirati*** dwar id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal ma għandux jaqbeż l-24 xahar.

Or. en

Emenda 1045
Tiemo Wölken, René Repasi
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Il-perjodu ta' applikazzjoni ***tal-ordnijiet*** ta' detezzjoni dwar id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***jew ġdid*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ma għandux jaqbeż ***l-24 xahar u dak tal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-sollečitazzjoni tat-tfal ma għandux jaqbeż it-12-il xahar***.	Il-perjodu ta' applikazzjoni ***tal-mandati*** ta' detezzjoni dwar id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal ma għandux jaqbeż ***is-6 xhur***.

Or. en

Emenda 1046
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu joħroġ ukoll linji gwida dwar il-konformità ta' teknoloġiji eżistenti u futuri li jintużaw għall-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal f'ambjenti kriptati u mhux kriptati mar-Regolament (UE) 2016/679.L-awtoritajiet superviżorji kif imsemmija f'dak ir-Regolament għandhom jagħmlu superviżjoni tal-applikazzjoni ta' dawk il-linji gwida.* ***Qabel l-użu ta' kwalunkwe teknoloġija speċifika skont dan l-Artikolu, jeħtieġ li jkun saru valutazzjoni obbligatorja u minn qabel tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u proċedura ta' konsultazzjoni obbligatorja u minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1047
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtoritajiet superviżorji kompetenti maħtura skont il-Kapitolu VI, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) 2016/678 għandu jkollhom id-dritt li jikkontestaw mandat ta' detezzjoni fi ħdan il-kompetenza skont il-Kapitolu VI, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2016/678 quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti li tkun ħarġet il-mandat ta' detezzjoni.

Or. en

Emenda 1048
Tiemo Wölken, René Repasi
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. L-awtoritajiet superviżorji kompetenti maħtura skont il-Kapitolu VI, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) 2016/678 għandu jkollhom id-dritt li jikkontestaw mandat ta' detezzjoni fi ħdan il-kompetenza skont il-Kapitolu VI, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2016/678 quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti li tkun ħarġet il-mandat ta' detezzjoni.

Or. en

Emenda 1049
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon,

Estrella Durá Ferrandis, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Salvagwardji fuq servizzi kriptati
	Għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-fini unika li jiġi prevenut u miġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal, il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali għandhom ikunu soġġetti għal obbligi li jipprevjenu, jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu l-abbuż sesswali tat-tfal online fis-servizzi kollha tagħhom, li jista' jinkludi wkoll dawk koperti minn kriptaġġ minn tarf sa tarf, meta jkun hemm riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku tagħhom jintuża ħażin għall-abbuż sesswali tat-tfal online, inkluż għall-fini tas-sollečitazzjoni tat-tfal, skont il-valutazzjoni tar-riskju stabbilita fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
	It-teknoloġiji użati biex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament qatt ma għandhom jipprojbixxu l-kriptaġġ jew jagħmluh impossibbli u għandhom jintużaw biss wara awtorizzazzjoni minn qabel mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data, u jkunu soġġetti għal monitoraġġ u awditjar kostanti mill-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1050
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Salvagwardji fuq servizzi kriptati
	Għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-fini unika li jiġi prevenut u miġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal, il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali għandhom ikunu soġġetti għal obbligi li jipprevjenu, jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu l-abbuż sesswali tat-tfal online fis-servizzi kollha tagħhom, li jista' jinkludi wkoll dawk koperti minn kriptaġġ minn tarf sa tarf, meta jkun hemm riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku tagħhom jintuża ħażin għall-abbuż sesswali tat-tfal online, inkluż għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, skont il-valutazzjoni tar-riskju stabbilita fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. It-teknoloġiji użati biex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament qatt ma għandhom jipprojbixxu l-kriptaġġ jew jagħmluh impossibbli u għandhom jintużaw biss wara awtorizzazzjoni minn qabel mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data, u jkunu soġġetti għal monitoraġġ u awditjar kostanti mill-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1051
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1052
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1053
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1054
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Regoli addizzjonali dwar l-ordnijiet ta' detezzjoni	Regoli addizzjonali dwar l-ordnijiet ta' detezzjoni ***mmirati***

Or. en

Emenda 1055
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Regoli addizzjonali dwar ***l-ordnijiet*** ta' detezzjoni	Regoli addizzjonali dwar ***il-mandati*** ta' detezzjoni

Or. en

Emenda 1056
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Regoli addizzjonali dwar ***l-ordnijiet*** ta' detezzjoni	Regoli addizzjonali dwar ***il-mandati*** ta' detezzjoni

Or. en

Emenda 1057
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 8 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. L-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom	***imħassar***

jinkludu:

(a) informazzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni, inklużi l-indikaturi li għandhom jintużaw u s-salvagwardji li għandhom jiġu previsti, inklużi l-obbligi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 9(3) u, fejn applikabbli, kwalunkwe salvagwardja addizzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 7(8);

(b) id-dettalji ta' identifikazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew tal-awtorità amministrattiva indipendenti li toħroġ l-ordni ta' detezzjoni u l-awtentikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni minn dik l-awtorità amministrattiva ġudizzjarja jew indipendenti;

(c) l-isem tal-fornitur u, fejn applikabbli, tar-rappreżentant legali tiegħu;

(d) is-servizz speċifiku li fir-rigward tiegħu tinħareġ l-ordni ta' detezzjoni u, fejn applikabbli, il-parti jew il-komponent tas-servizz affettwat kif imsemmi fl-Artikolu 7(8);

(e) jekk l-ordni ta' detezzjoni maħruġa tikkonċernax id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal jew is-sollečitazzjoni tat-tfal;

(f) id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-ordni ta' detezzjoni;

(g) dikjarazzjoni dettaljata biżżejjed tar-raġunijiet li tispjega għaliex tinħareġ l-ordni ta' detezzjoni;

(h) referenza għal dan ir-Regolament bħala l-bażi legali għall-ordni ta' detezzjoni;

(i) id-data, il-kronogramma u l-firma elettronika tal-awtorità amministrattiva ġudizzjarja jew indipendenti li toħroġ l-ordni ta' detezzjoni;

(j) informazzjoni li tinftiehem faċilment dwar ir-rimedju disponibbli għad-destinatarju tal-ordni ta' detezzjoni,

inkluża informazzjoni dwar ir-rimedju lil qorti u dwar il-perjodi ta' żmien applikabbli għal tali rimedju.

Or. en

Emenda 1058
Charlie Weimers, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. L-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom jinkludu:	1. ***Il-qorti*** għandha toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. L-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom jinkludu:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiċċara li hija biss qorti ta' Stat Membru li tista' toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni.

Emenda 1059
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 ***billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I***. L-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom jinkludu:	1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7. L-ordnijiet ta' detezzjoni ***mmirati*** għandhom jinkludu ***bħala minimu***:

Or. en

Emenda 1060
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ ***l-ordnijiet*** ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. ***L-ordnijiet*** ta' detezzjoni għandhom jinkludu:	1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha toħroġ ***il-mandati*** ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. ***Il-mandati*** ta' detezzjoni għandhom jinkludu:

Or. en

Emenda 1061
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ ***l-ordnijiet*** ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. ***L-ordnijiet*** ta' detezzjoni għandhom jinkludu:	1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha toħroġ ***il-mandati*** ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. ***Il-mandati*** ta' detezzjoni għandhom jinkludu:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha tiġi interpretata bħala li tbiddel il-kliem "ordnijiet ta' detezzjoni" għal "mandati ta' detezzjoni" f'dan l-Artikolu kollu u f'dan ir-Regolament kollu. Il-mandati ta' detezzjoni jiffokaw fuq apparat speċifiku jew kontijiet tal-utent speċifiċi ta' individwu suspettat li fil-konfront tiegħu jkun hemm suspett raġonevoli ta' pussess ta' "materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal". Dawn il-mandati jistgħu jinħarġu biss mill-awtoritajiet

ġudizzjarji kompetenti.

Emenda 1062
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. L-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom jinkludu:	1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. L-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom jinkludu:

Or. en

Emenda 1063
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** għandha toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. L-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom jinkludu:	1. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha toħroġ l-ordnijiet ta' detezzjoni ***mmirati*** msemmijin fl-Artikolu 7 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness I. L-ordnijiet ta' detezzjoni ***mmirati*** għandhom jinkludu:

Or. en

Emenda 1064
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) informazzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni, ***inklużi*** l-indikaturi li għandhom jintużaw u s-salvagwardji li għandhom jiġu previsti, inklużi l-obbligi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 9(3) u, fejn applikabbli, kwalunkwe salvagwardja addizzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 7(8);	(a) informazzjoni dwar il-miżuri ***speċifiċi*** li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni, ***inkluż il-persuna speċifika jew persuni speċifiċi li d-detezzjoni trid tkopri, l-ambitu taż-żmien,*** l-indikaturi li għandhom jintużaw u s-salvagwardji li għandhom jiġu previsti, inklużi l-obbligi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 9(3) u, fejn applikabbli, kwalunkwe salvagwardja addizzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 7(8);

Or. en

Emenda 1065
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) informazzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni, inklużi l-indikaturi li għandhom jintużaw u s-salvagwardji li għandhom jiġu previsti, inklużi l-obbligi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 9(3) ***u, fejn applikabbli, kwalunkwe salvagwardja addizzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 7(8)***;	(a) informazzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni, inklużi l-indikaturi li għandhom jintużaw u s-salvagwardji li għandhom jiġu previsti, inklużi l-obbligi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 9(3);

Or. en

Emenda 1066
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) informazzjoni, fir-rigward ta' kull

apparat jew kont tal-utent, li tagħti dettalji dwar l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni speċifiċi tal-mandat, inkluża l-bażi ġuridika għas-suspett raġonevoli.

Or. en

Emenda 1067
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-dettalji ta' identifikazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew tal-awtorità amministrattiva indipendenti*** li toħroġ l-ordni ta' detezzjoni u l-awtentikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni minn dik l-awtorità ***amministrattiva*** ġudizzjarja ***jew indipendenti***;	(b) id-dettalji ta' identifikazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti li toħroġ l-ordni ta' detezzjoni u l-awtentikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni minn dik l-awtorità ġudizzjarja;

Or. en

Emenda 1068
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-dettalji ta' identifikazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew tal-awtorità amministrattiva indipendenti*** li toħroġ l-ordni ta' detezzjoni u l-awtentikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni minn dik l-awtorità ***amministrattiva*** ġudizzjarja ***jew indipendenti***;	(b) id-dettalji ta' identifikazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti li toħroġ l-ordni ta' detezzjoni u l-awtentikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni ***mmirata*** minn dik l-awtorità ġudizzjarja;

Or. en

Emenda 1069
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) (c) l-isem tal-utent (i) li għalih (om) inħarġet ordni ta' detezzjoni mmirata, sa fejn dan ikun magħruf, u l-psewdonimi diġitali li juża l-utent (i).

Or. en

Emenda 1070
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) is-servizz speċifiku li fir-rigward tiegħu tinħareġ l-ordni ta' detezzjoni u, fejn applikabbli, il-parti jew il-komponent tas-servizz affettwat kif imsemmi fl-Artikolu 7(8);	(d) is-servizz speċifiku li fir-rigward tiegħu tinħareġ l-ordni ta' detezzjoni ***mmirata*** u, fejn applikabbli, il-parti jew il-komponent tas-servizz affettwat kif imsemmi fl-Artikolu 7(8);

Or. en

Emenda 1071
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-ordni ta' detezzjoni maħruġa tikkonċernax id-disseminazzjoni	***imħassar***

ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal jew is-sollečitazzjoni tat-tfal;

Or. en

Emenda 1072
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-ordni ta' detezzjoni maħruġa tikkonċernax id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal jew is-sollečitazzjoni tat-tfal;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1073
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-ordni ta' detezzjoni maħruġa tikkonċernax id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal jew is-sollečitazzjoni tat-tfal;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1074
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-ordni ta' detezzjoni maħruġa tikkonċernax id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali ***tat-tfal jew is-sollecitazzjoni*** tat-tfal;	(e) jekk l-ordni ta' detezzjoni ***mmirata*** maħruġa tikkonċernax id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 1075
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-persuna jew il-grupp ta' persuni koperti mill-ordni ta' detezzjoni u l-ispeċifiċitajiet tas-suspett ta' attivitajiet illegali;

Or. en

Emenda 1076
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-ordni ta' detezzjoni;	(f) id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-ordni ta' detezzjoni ***mmirata***;

Or. en

Emenda 1077
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ***dikjarazzjoni*** dettaljata biżżejjed ***tar-raġunijiet*** li tispjega għaliex ***tinħareġ l-ordni*** ta' detezzjoni;	(g) ***ġustifikazzjoni*** dettaljata biżżejjed li tispjega għaliex ***qed jinħareġ il-mandat*** ta' detezzjoni ***u kif huwa meħtieġ, effettiv u proporzjonat***;

Or. en

Emenda 1078
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha sabiex toħroġ ordni ta' tneħħija li tirrikjedi ***lill-fornitur*** ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jneħħi jew jiddiżattiva l-aċċess fl-Istati Membri kollha ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal li, wara valutazzjoni diliġenti, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jew il-qrati ***jkunu*** identifikaw bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***illegali***.

Or. en

Emenda 1268
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha ***jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru*** sabiex toħroġ ordni ta' tneħħija li tirrikjedi ***li fornitur*** ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jneħħi jew jiddiżattiva l-aċċess fl-Istati Membri kollha ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal li, wara valutazzjoni diliġenti, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jew il-qrati ***jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn imsemmijin*** fl-Artikolu 36(1) ikunu identifikaw bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha sabiex toħroġ ordni ta' tneħħija li tirrikjedi ***lill-fornitur*** ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jneħħi jew jiddiżattiva l-aċċess fl-Istati Membri kollha ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal li, wara valutazzjoni diliġenti, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jew il-qrati ***msemmijin*** fl-Artikolu 36(1) ikunu identifikaw bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 1269
Maite Pagazaurtundúa, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha ***jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru*** sabiex toħroġ ordni ta' tneħħija li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jneħħi jew jiddiżattiva l-aċċess fl-Istati Membri kollha ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal li, wara valutazzjoni diliġenti, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jew il-qrati jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 36(1) ikunu identifikaw bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha sabiex toħroġ ordni ta' tneħħija li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jneħħi jew jiddiżattiva l-aċċess fl-Istati Membri kollha ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal li, wara valutazzjoni diliġenti, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jew il-qrati jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 36(1) ikunu identifikaw bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 1270
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra

ta’ dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta’ tneħħija li tirrikjedi ***li fornitur*** ta’ servizzi ta’ hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lil dik l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni jneħħi ***jew jiddiżattiva l-aċċess*** fl-Istati Membri kollha ***ta’*** oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta’ materjal li, wara valutazzjoni diliġenti, l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni jew il-qrati jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 36(1) ikunu identifikaw bħala li jikkostitwixxi materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal.

ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta' tneħħija li tirrikjedi ***lill-fornitur*** ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lil dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jneħħi fl-Istati Membri kollha oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal li, wara valutazzjoni diliġenti, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni jew il-qrati jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 36(1) ikunu identifikaw bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 1271
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta’ tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni.	2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta' tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni. ***Għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, inklużi l-forniturі b'sors miftuħ, l-ordni ta' tneħħija għandha tippermetti żmien addizzjonali, proporzjonat għad-daqs u r-riżorsi tal-fornitur, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar minn tlett ijiem.***

Or. en

Emenda 1272
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta’ tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni.	2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta' tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni. ***Għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, inklużi l-fornituri b'sors miftuħ, l-ordni ta' tneħħija għandha tippermetti żmien addizzjonali, proporzjonat għad-daqs u r-riżorsi tal-fornitur.***

Or. en

Emenda 1273
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta’ tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni.	2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta' tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni. ***Għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, inklużi l-fornituri b'sors miftuħ, l-ordni ta' tneħħija għandha tippermetti żmien addizzjonali, proporzjonat għad-daqs u r-riżorsi tal-fornitur.***

Or. en

Emenda 1274
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta’ tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni.	2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta' tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni. ***Għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, inklużi l-fornituri b'sors miftuħ, l-ordni ta' tneħħija għandha tippermetti żmien addizzjonali, proporzjonat għad-daqs u r-riżorsi tal-fornitur.***

Or. en

Emenda 1275
Patrick Breyer

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandhom joħorġu*** ordni ta’ tneħħija bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness IV. L-ordnijiet ta’ tneħħija għandhom jinkludu:	3. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***għandha toħroġ*** ordni ta' tneħħija bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness IV. L-ordnijiet ta' tneħħija għandhom jinkludu:

Or. en

Emenda 1276
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dettalji ta’ identifikazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja ***jew amministrattiva indipendenti*** li toħroġ l-ordni ta’ tneħħija u l-awtentikazzjoni tal-ordni ta’ tneħħija minn dik l-awtorità;	(a) id-dettalji ta' identifikazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja li toħroġ l-ordni ta' tneħħija u l-awtentikazzjoni tal-ordni ta' tneħħija minn dik l-awtorità;

Or. en

Emenda 1277
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-servizz speċifiku li għalih tinħareġ l-ordni ta' tneħħija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1278
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) referenza ***għal*** dan ir-Regolament bħala l-bażi legali għall-ordni ta' tneħħija;	(g) referenza ***għall-Artikolu 14 ta'*** dan ir-Regolament bħala l-bażi legali għall-ordni ta' tneħħija;

Or. en

Emenda 1279
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) id-data, il-kronogramma u l-firma elettronika tal-awtorità ***amministrattiva*** ġudizzjarja ***jew indipendenti*** li toħroġ l-ordni ta' tneħħija;	(h) id-data, il-kronogramma u l-firma elettronika tal-awtorità ġudizzjarja li toħroġ l-ordni ta' tneħħija;

Or. en

Emenda 1280
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ġudizzjarja ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** li toħroġ l-ordni ta' tneħħija għandha tindirizzaha ***lis-sede prinċipali*** tal-fornitur jew, fejn applikabbli, lir-rappreżentant legali tiegħu ***maħtur*** f'konformità mal-Artikolu 24.	L-awtorità ġudizzjarja li toħroġ l-ordni ta' tneħħija għandha tindirizzaha ***lill-istabbiliment ewlieni*** tal-fornitur jew, fejn applikabbli, lir-rappreżentant legali tiegħu ***dežinjat*** f'konformità mal-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 1281
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk il-fornitur ma jkunx jista' jeżegwixxi l-ordni ta' tneħħija għal raġunijiet ta' force majeure jew ta' impossibbiltà de facto ***li ma tkunx attribwibbli għaliha, inkluż għal raġunijiet tekniċi jew operazzjonali oġġettivament ġustifikabbli***, huwa għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dwar l-istabbiliment ta' dawk ir-raġunijiet, billi juża l-mudell stabbilit fl-Anness V.	Jekk il-fornitur ma jkunx jista' jeżegwixxi l-ordni ta' tneħħija għal raġunijiet ta' force majeure jew ta' impossibbiltà de facto, huwa għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dwar l-istabbiliment ta' dawk ir-raġunijiet, billi juża l-mudell stabbilit fl-Anness V.

Or. en

Emenda 1282
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Jekk il-fornitur iqis li l-ordni ta' tneħħija ma tkunx inħarġet f'konformità ma' dan l-Artikolu, jew tkun manifestament abbużiva, huwa għandu jirrifjuta li jeżegwixxi l-ordni u jipprovdi ġustifikazzjoni motivata lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tkun ħarġet l-ordni.

Or. en

Emenda 1283
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-fornitur għandu, mingħajr dewmien żejjed u bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness VI, jinforma lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment u liċ-Ċentru tal-UE, dwar il-miżuri meħudin sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' tneħħija, filwaqt li jindika, b'mod partikolari, jekk il-fornitur neħħiex il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***jew iddiżattivax l-aċċess għalih*** fl-Istati Membri kollha u d-data u l-ħin tiegħu.	7. Il-fornitur għandu, mingħajr dewmien żejjed u bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness VI, jinforma lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment u liċ-Ċentru tal-UE, dwar il-miżuri meħudin sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' tneħħija, filwaqt li jindika, b'mod partikolari, jekk il-fornitur neħħiex il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fl-Istati Membri kollha u d-data u l-ħin tiegħu.

Or. en

Emenda 1284
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

8a. Meta l-Europol jew awtorità nazzjonali ssir konxja mill-preżenza ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq servizz ta' hosting, hija għandha tinnotifika lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni bil-lokalizzatur uniformi tar-riżorsi preċiż tagħha, u l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha titlob ordni ta' tneħħija meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi żgurat li jitneħħa l-materjal ospitat ta' abbuż sesswali tat-tfal magħruf mill-awtoritajiet. F'operazzjoni kontra l-pjattaforma tal-abbuż sesswali tat-tfal online "Boystown", l-Europol u l-Aġenzija Federali Ġermaniża kontra l-Kriminalità (BKA) ma żgurawx li l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal kondiviż permezz tal-pjattaforma li kellhom aċċess għalih tneħħa mis-servizzi ta' hosting, li rriżulta fit-tkomplija taċ-ċirkolazzjoni u l-proliferazzjoni tiegħu.

Emenda 1285
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jkunu rċivew ordni ta' tneħħija maħruġa f'konformità mal-Artikolu 14, kif ukoll l-utenti li pprovdew il-materjal, għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv. Dak id-dritt għandu jinkludi d-dritt li jikkontestaw ordni ta' tneħħija bħal din quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** li tkun ħarġet l-ordni ta' tneħħija.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jkunu rċivew ordni ta' tneħħija maħruġa f'konformità mal-Artikolu 14, kif ukoll l-utenti li pprovdew il-materjal, għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv. Dak id-dritt għandu jinkludi d-dritt li jikkontestaw ordni ta' tneħħija bħal din quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti li tkun ħarġet l-ordni ta' tneħħija.

Or. en

Emenda 1286
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting li jkunu rċivew ordni ta’ tneħħija maħruġa f’konformità mal-Artikolu 14, kif ukoll l-utenti li pprovdew il-materjal, għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv. Dak id-dritt għandu jinkludi d-dritt li jikkontestaw ordni ta’ tneħħija bħal din quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** li tkun ħarġet l-ordni ta’ tneħħija.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jkunu rċivew ordni ta' tneħħija maħruġa f'konformità mal-Artikolu 14, kif ukoll l-utenti li pprovdew il-materjal, għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv. Dak id-dritt għandu jinkludi d-dritt li jikkontestaw ordni ta' tneħħija bħal din quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti li tkun ħarġet l-ordni ta' tneħħija.

Or. en

Emenda 1287
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-ordni ta’ tneħħija ssir finali, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** li tkun ħarġet l-ordni ta’ tneħħija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tibgħat kopja tagħha lill-Awtorità ta’ Koordinazzjoni tal-istabbiliment. Imbagħad, l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien żejjed, tibgħat kopja tagħha lill-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni l-oħrajn kollha permezz tas-sistema stabbilita f’konformità mal-Artikolu 39(2).	Meta l-ordni ta' tneħħija ssir finali, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti li tkun ħarġet l-ordni ta' tneħħija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tibgħat kopja tagħha lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment. Imbagħad, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien żejjed, tibgħat kopja tagħha lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni l-oħrajn kollha permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2).

Or. en

Emenda 1288
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fatt li neħħa l-materjal ***jew iddiżattiva l-aċċess għalih***;	(a) il-fatt li neħħa l-materjal;

Or. en

Emenda 1289
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-raġunijiet għat-tneħħija ***jew għad-diżattivazzjoni***, filwaqt li jipprovdi kopja tal-ordni ta' tneħħija ***fuq talba tal-utent***;	(b) ir-raġunijiet għat-tneħħija, filwaqt li jipprovdi kopja tal-ordni ta' tneħħija;

Or. en

Emenda 1290
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-raġunijiet għat-tneħħija jew għad-diżattivazzjoni, filwaqt li jipprovdi kopja tal-ordni ta' tneħħija ***fuq talba tal-utent***;	(b) ir-raġunijiet għat-tneħħija jew għad-diżattivazzjoni, filwaqt li jipprovdi kopja tal-ordni ta' tneħħija;

Or. en

Emenda 1291
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tista' titlob, meta titlob lill-awtorità ġudizzjarja jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti li toħroġ l-ordni ta' tneħħija, u wara li tkun ikkonsultat mal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, li l-fornitur ma għandux jiżvela xi informazzjoni dwar it-tneħħija ta' jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għall-materjal ta' abbuż sesswali tat-fal, meta u sa fejn ikun neċessarju sabiex jiġi evitat tfixkil fl-attivitajiet għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal.	***imħassar***
F'dak il-każ:	
(a) l-awtorità ġudizzjarja jew l-awtorità amministrattiva indipendenti li toħroġ l-ordni ta' tneħħija għandha tistabbilixxi l-perjodu ta' żmien mhux itwal minn dak neċessarju u ta' mhux aktar minn sitt ġimgħat, li matulu l-fornitur ma għandux jiżvela tali informazzjoni;	
(b) l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 3 ma għandhomx japplikaw matul dak il-perjodu ta' żmien;	
(c) dik l-awtorità ġudizzjarja jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha tinforma lill-fornitur bid-deċiżjoni tagħha, filwaqt li tispeċifika l-perjodu ta' żmien applikabbli.	
Dik l-awtorità ġudizzjarja jew l-awtorità amministrattiva indipendenti tista' tiddeċiedi li testendi l-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), b'perjodu ta' żmien ulterjuri ta' massimu ta' sitt ġimgħat, meta u sa fejn in-nuqqas ta' divulgazzjoni jibqa'	

neċessarju. F'dak il-każ, dik l-awtorità ġudizzjarja jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha tinforma lill-fornitur bid-deċiżjoni tagħha, filwaqt li tispeċifika l-perjodu ta' żmien applikabbli. L-Artikolu 14(3) għandu japplika għal dik id-deċiżjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-kontenut bħala tali twissi lill-kriminali li l-kontenut ġie identifikat. Hija meħtieġa koordinazzjoni effettiva, f'konformità mal-Artikolu 14.1a propost, biex jiġi evitat it-tfixkil tal-investigazzjonijiet.

Emenda 1292
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tista' titlob, meta titlob lill-awtorità ġudizzjarja jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti li toħroġ l-ordni ta' tneħħija, u wara li tkun ikkonsultat mal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, li l-fornitur ma għandux jiżvela xi informazzjoni dwar it-tneħħija ta' ***jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għall-materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal, meta u sa fejn ikun neċessarju sabiex jiġi evitat tfixkil fl-attivitajiet għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tista' titlob, meta titlob lill-awtorità ġudizzjarja jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti li toħroġ l-ordni ta' tneħħija, u wara li tkun ikkonsultat mal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, li l-fornitur ma għandux jiżvela xi informazzjoni dwar it-tneħħija ta' ***materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal, meta u sa fejn ikun neċessarju sabiex jiġi evitat tfixkil fl-attivitajiet għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 1293
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Kapitolu II – Taqsima 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1294
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Kapitolu II – Taqsima 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-imblukkar jista' jiġi evitat. Is-CSAM irid jitneħħa.

Emenda 1295
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Rob Rooken, Paul Tang, Karen Melchior, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Kapitolu II – Taqsima 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

(għat-tħassir sħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar l-imblukkar): L-imblukkar tal-aċċess huwa ineffettiv u jista' faċilment jiġi evitat minn persuni li jfittxu b'mod attiv aċċess għal kontenut illegali. Barra minn hekk, normalment ikun teknoloġikament impossibbli li wieħed jikkonforma mal-projbizzjoni tal-kollateral jew l-imblukkar eċċessiv ta' aċċess għal kontenut

legali ospitat fuq l-istess sit web jew server jew permezz tal-istess indirizz IP (QEDB, Vladimir Kharitonov vs Ir-Russja, 10795/14).

Emenda 1296
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1297
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1298
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Teknikament mhux fattibbli.

Emenda 1299
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1300
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1301
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta' mblukkar li tirrikjedi lil fornitur ta' servizzi ta' aċċess għall-internet taħt	***imħassar***

il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjeni lill-utenti milli jaċċessaw materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal indikat mil-lokalizzaturi uniformi kollha tar-riżorsi fil-lista ta' lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi inklużi fil-bażi tad-data tal-indikaturi, f'konformità mal-Artikolu 44(2), il-punt (b) u pprovduta miċ-Ċentru tal-UE.

Or. en

Emenda 1302
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, qabel ma titlob il-ħruġ ta' ordni ta' mblukkar, twettaq l-investigazzjonijiet u l-valutazzjonijiet neċessarji kollha sabiex tiddetermina jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4.	***imħassar***
Għal dak l-għan, fejn xieraq għandha:	
(a) tivverifika li, fir-rigward tal-lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi kollha jew ta' kampjun rappreżentattiv tagħhom fil-lista msemmija fil-paragrafu 1, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 36(1), il-punt (b), inkluż billi twettaq kontrolli sabiex tivverifika, f'kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE, li l-lista tkun kompluta, akkurata u aġġornata;	
(b) tirrekjedi li l-fornitur jissottometti, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, l-informazzjoni neċessarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess jew tat-tentattiv ta' aċċess mill-utenti tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal indikat mil-	

lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi, fir-rigward tal-politika tal-fornitur sabiex jindirizza r-riskju ta' disseminazzjoni tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u fir-rigward tal-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u tad-daqs tal-fornitur;

(c) titlob liċ-Ċentru tal-UE jipprovdi l-informazzjoni neċessarja, b'mod partikolari l-ispjegazzjonijiet u l-assigurazzjonijiet rigward l-akkuratezza tal-lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi fl-indikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, fir-rigward tal-kwantità u tan-natura ta' dak il-materjal u fir-rigward tal-verifiki miċ-Ċentru tal-UE u tal-awditi msemmijin fl-Artikolu 36(2) u fl-Artikolu 46(7), rispettivament;

(d) titlob lil kwalunkwe awtorità pubblika rilevanti oħra jew lil esperti jew lil entitajiet rilevanti sabiex jipprovdu l-informazzjoni neċessarja.

Or. en

Emenda 1303
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, qabel ma titlob il-ħruġ tal-ordni ta' mblukkar, tinforma lill-fornitur bl-intenzjoni tagħha li titlob il-ħruġ tal-ordni ta' mblukkar, filwaqt li tispeċifika l-elementi ewlenin tal-kontenut tal-ordni ta' mblukkar ippjanata u r-raġunijiet għat-talba tal-ordni ta' mblukkar. Għandha tagħti lill-fornitur opportunità sabiex jikkummenta dwar dik l-informazzjoni, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni.	***imħassar***

Emenda 1304
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' mblukkar, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità indipendenti għandha toħroġ l-ordni ta' mblukkar meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	***imħassar***
(a) ikun hemm evidenza li s-servizz ikun intuża matul l-aħħar 12-il xahar, sa ċertu punt sinifikanti, għall-aċċess jew għat-tentattiv ta' aċċess għall-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal indikat mil-lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi;	
(b) l-ordni ta' mblukkar tkun neċessarja sabiex tiġi evitata d-disseminazzjoni tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal lill-utenti fl-Unjoni, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-kwantità u n-natura ta' dak il-materjal, il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet tal-vittmi u l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta' politika sabiex jindirizza r-riskju ta' tali disseminazzjoni;	
(c) il-lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi jkunu jindikaw, b'mod affidabbli biżżejjed, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;	
(d) ir-raġunijiet għall-ħruġ tal-ordni ta' mblukkar jisbqu l-konsegwenzi negattivi għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi tal-partijiet kollha affettwati, meta titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali ta' dawk il-partijiet, inkluż l-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni	

tal-utenti u l-libertà ta' intrapriża tal-fornitur.

Meta jiġi vvalutat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu, għandhom jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni, inkluża kwalunkwe informazzjoni miksuba skont il-paragrafu 2 u l-fehmiet tal-fornitur ippreżentati f'konformità mal-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 1305
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment, meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' mblukkar, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti, meta toħroġ l-ordni ta' mblukkar, għandhom:	***imħassar***
(a) jispeċifikaw limiti u salvagwardji effettivi u proporzjonati neċessarji sabiex jiżguraw li kwalunkwe konsegwenza negattiva msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (d), tibqa' limitata għal dak li jkun strettament neċessarju;	
(b) soġġetti għall-paragrafu 6, jiżguraw li l-perjodu ta' applikazzjoni jibqa' limitat għal dak li huwa strettament neċessarju.	

Or. en

Emenda 1306
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tispeċifika fl-ordni ta' mblukkar il-perjodu li matulu tapplika, filwaqt li tindika d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem.	***imħassar***
Il-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' mblukkar ma għandux jaqbeż il-ħames snin.	

Or. en

Emenda 1307
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fir-rigward tal-ordnijiet ta' mblukkar li l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti tkun ħarġet fuq talba tagħha, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha, fejn neċessarju u tal-anqas darba fis-sena, tivvaluta jekk kienx hemm xi bidla sostanzjali fir-raġunijiet għall-ħruġ tal-ordnijiet ta' mblukkar u, b'mod partikolari, jekk il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 4 għadhomx issodisfati.	***imħassar***
Dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti li tkun ħarġet l-ordni ta' mblukkar, timmodifika jew tirrevoka t-tali ordni, meta dan ikun neċessarju fid-dawl tal-eżitu ta' dik il-valutazzjoni, jew tqis it-talbiet ġustifikati jew ir-rapporti msemmijin fl-Artikolu 18(5) u (6), rispettivament. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw għal tali talbiet, mutatis mutandis.	

Or. en

Emenda 1308
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1309
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1310
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1311
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov

f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1312
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1313
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha toħroġ l-ordnijiet ta' mblukkar imsemmijin fl-Artikolu 16 billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness VII. L-ordnijiet ta' mblukkar għandhom jinkludu:	***imħassar***
(a) ir-referenza għal-lista ta' lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi, ipprovduta miċ-Ċentru tal-UE, u s-salvagwardji li għandhom jiġu previsti, inklużi l-limiti u s-salvagwardji speċifikati skont l-Artikolu 16(5) u, fejn applikabbli, l-obbligi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 18(6);	

(b) id-dettalji ta' identifikazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew tal-awtorità amministrattiva indipendenti li toħroġ l-ordni ta' mblukkar u l-awtentikazzjoni tal-ordni ta' mblukkar minn dik l-awtorità;

(c) l-isem tal-fornitur u, fejn applikabbli, tar-rappreżentant legali tiegħu;

(d) is-servizz speċifiku li fir-rigward tiegħu tinħareġ l-ordni ta' detezzjoni;

(e) id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-ordni ta' mblukkar;

(f) dikjarazzjoni dettaljata biżżejjed tar-raġunijiet li tispjega għaliex tinħareġ l-ordni ta' mblukkar;

(g) referenza għal dan ir-Regolament bħala l-bażi legali għall-ordni ta' mblukkar;

(h) id-data, il-kronogramma u l-firma elettronika tal-awtorità ġudizzjarja jew tal-awtorità amministrattiva indipendenti li toħroġ l-ordni ta' mblukkar;

(i) informazzjoni li tinftiehem faċilment dwar ir-rimedju disponibbli għad-destinatarju tal-ordni ta' mblukkar, inkluża informazzjoni dwar ir-rimedju lil qorti u dwar il-perjodi ta' żmien applikabbli għal tali rimedju.

Or. en

Emenda 1314
Sven Simon, Christian Doleschal, Niclas Herbst

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) is-servizz speċifiku li fir-rigward tiegħu tinħareġ l-ordni ta' detezzjoni;	(d) is-servizz speċifiku li fir-rigward tiegħu tinħareġ l-ordni ta' detezzjoni ***mmirata***;

Or. en

Emenda 1315
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti li toħroġ l-ordni ta' mblukkar għandha tindirizzaha lill-istabbiliment ewlieni tal-fornitur jew, fejn applikabbli, lir-rappreżentant legali tiegħu dežinjat f'konformità mal-Artikolu 24.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1316
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 17 − paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ordni ta' mblukkar għandha tiġi trażmessa lill-punt ta' kuntatt tal-fornitur imsemmi fl-Artikolu 23(1), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment u liċ-Ċentru tal-UE, permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1317
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ordni ta' mblukkar għandha tiġi abbozzata bil-lingwa ddikjarata mill-fornitur skont l-Artikolu 23(3).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1318
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Jekk il-fornitur ma jkunx jista' jeżegwixxi l-ordni ta' mblukkar minħabba li jkun fiha żbalji evidenti jew ma jkunx fiha informazzjoni suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tagħha, il-fornitur għandu, mingħajr dewmien żejjed, jitlob il-kjarifika neċessarja lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment, billi juża l-mudell stabbilit fl-Anness VIII.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1319
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 86 sabiex temenda l-Annessi VII u VIII fejn neċessarju sabiex ittejjeb il-mudelli fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti jew l-esperjenzi prattiċi miksubin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1320
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1321
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1322
Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1323
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1324
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1325
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 19	***imħassar***
19 Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal biss minħabba li jwettqu, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija, l-imblukkar jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih, f'konformità ma' dawk ir-	

	rekwiżiti.
Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal biss minħabba li jwettqu, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija, l-imblukkar jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih, f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Żejjed, ara l-Artikolu 7 tad-DSA

Emenda 1326
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Responsabbiltà tal-fornituri	Responsabbiltà tal-fornituri ***u l-hotlines***

Or. en

Emenda 1327
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ***biss minħabba li jwettqu***, b'rieda	Il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ***sempliċiment għax iwettqu***, b'rieda

tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament, ***b’mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija, l-imblukkar jew ir-rapportar*** ta’ abbuż sesswali tat-tfal ***online, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih, f’konformità ma’ dawk ir-rekwiżiti***.	tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, ***jew minħabba l-miżuri volontarji li jieħdu biex ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal materjal*** ta' abbuż sesswali tat-tfal ***fuq is-servizzi tagħhom***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fornituri ma għandhomx ikunu responsabbli għall-miżuri li jimplimentaw fuq bażi volontarja. Il-fornituri kollha għandhom inċentivi qawwija biex jiġġieldu kontra l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u ma għandhomx jiġu skoraġġuti milli jaġixxu jew iwaqqfu miżuri b'mod proattiv jew reattiv biex jagħmlu dan. Din l-eżenzjoni trid tiġi ddikjarata b'mod speċifiku fir-regolament.

Emenda 1328
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta’ servizzi ***rilevanti*** tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta’ abbuż sesswali tat-tfal ***biss minħabba li jwettqu***, b’rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament, b’mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija, l-imblukkar jew ir-rapportar ta’ abbuż sesswali tat-tfal online, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih, f’konformità ma’ dawk ir-rekwiżiti.	Il-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni ***u hotlines rilevanti*** ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ***sempliċiment għax iwettqu***, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija, l-imblukkar jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih, f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 1329

René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ***biss minħabba li jwettqu***, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija***, l-imblukkar*** jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online***, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih,*** f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ***sempliċiment għax iwettqu***, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 1330
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ***biss minħabba li jwettqu***, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija***, l-imblukkar*** jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online***, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih,*** f'konformità ma' dawk ir-	Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ***sempliċiment għax iwettqu***, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

rekwiżiti.

Or. en

Emenda 1331
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta’ servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta’ abbuż sesswali tat-tfal ***biss minħabba li jwettqu***, b’rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament, b’mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija, ***l-imblukkar*** jew ir-rapportar ta’ abbuż sesswali tat-tfal online***, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih,*** f’konformità ma’ dawk ir-rekwiżiti.	Il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ***sempliċiment għax iwettqu***, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija, ***it-tikkettar*** jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 1332
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Abir Al-Sahlani, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19a
	Rispett għall-Privatezza
	Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat bħala rekwiżit biex
	1. tiġi ddekowdjata l-kriptografija;
	2. jiġi skennjat il-kontenut fuq l-apparati

tal-utenti;

3. jiġi ristrett l-aċċess anonimu għas-servizzi online u l-applikazzjonijiet tas-software.

Or. en